



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 34/14 Error! Reference source not found.

Il-Lussemburgu, 13 ta' Marzu 2014 Error! Reference source not found.

Stampa u informazzjoni

Statistika ġudizzjarja 2013: ċifri mingħajr ebda preċedent

Is-sena li għaddiet ser tidħol fl-istorja, minn naħa, bħala l-iktar sena produttiva sa mill-ħolqien tal-Qorti tal-Ġustizzja u, min-naħa l-oħra, bħala s-sena bl-ikbar numru ta' kawżi mressqa li qatt intlaħaq

Il-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-2013, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet 701 kawża, ċifra li tirrappreżenta żieda kunsiderevoli meta mqabbla mas-sena preċedenti (595 kawża maqtugħa fl-2012).

Fl-2012 tressqu 699 kawża ġdida quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ċifra li tirrappreżenta żieda ta' madwar 10 % meta mqabbla mas-sena 2012 u li tikkostitwixxi, fl-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ikbar numru ta' kawżi mressqa f'sena.


Din iż-żieda fin-numru totali ta' kawżi mressqa għandha tiġi evalwata fid-dawl taż-żieda, meta mqabbel mas-sena preċedenti, fin-numru ta' appelli u ta' rinvijsi għal deċiżjoni preliminari. Fl-2013 saru 450 rinvijsi għal deċiżjoni preliminari, li huwa l-ogħla numru li qatt intlaħaq.

Fir-rigward tat-tul tal-proċeduri, l-istatistika hija pożittiva ħafna.

Fir-rigward tar-rinviji għal deċiżjoni preliminari, dan it-tul huwa ta' 16.3 xhur. Fir-rigward tar-rikorsi diretti u tal-appelli, it-tul medju għat-trattament tagħhom kien ta' 24.3 xhur u ta' 16.6 xhur, rispettivament

Huwa minnu li t-tul tal-proċeduri fir-rigward tar-rikorsi diretti żdied b'mod notevoli meta mqabbel mas-sena 2012 (19.7 xhur). Madankollu, din iż-żieda, li tikkonċerna biss 15 % tal-kawżi maqtugħa fl-2013, hija dovuta prinċipalment għal fatturi li fuqhom il-Qorti tal-Ġustizzja għandha biss kontroll limitat ħafna.

Il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari ġiet applikata f'żewġ kawżi, li nqatgħu fi żmien medju ta' 2.2 xhur.




	2009	2010	2011	2012	2013
Kawżi mressqa	562	631	688	632	699
Kawżi maqtugħa	588	574	638	595	701
Kawżi pendenti	742	799	849	886	884

II-Qorti Ġenerali

Statistikament, l-2013 tat ħafna indikazzjonijiet. Minn naħa, il-Qorti Ġenerali wriet, għat-tielet sena konsekuttiva, it-tisfih tal-kapaċità tagħha tal-amministrazzjoni tal-kawżi, li rriżulta mir-riformi interni implementati u mit-titjib kontinwu tal-metodi tax-xogħol tagħha. Fl-2013, 702 kawżi setgħu b'hekk jinqatgħu, li jwasslu għal medja annwali ta' kawżi maqtugħa matul l-aħħar tliet snin għal madwar 700 kawża. B'paragun, din l-istess medja kienet ta' madwar 480 kawża fl-2008. Fi żmien ħames snin, iż-żidiet fl-effiċjenza ppermettew żieda ta' iktar minn 45 % tal-produttività tal-qorti.

Min-naħa l-oħra, il-kawżi mressqa laħqu rekord storiku, b'790 kawża ġdida, jiġifieri żieda ta' kważi 30 % b'paragun mal-2012. It-tendenza globali ta' żieda fin-numru tal-kawżi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari fil-qasam tal-proprjetà intellettuali, hija għalhekk ikkonfermata b'mod partikolarment flagranti. Dan wassal għal żieda sostanzjali fl-għadd ta' kawżi pendenti, li qabeż il-limitu ta' 1 300 kawża (1325 kawża, b'mod iktar preċiż).

Fl-aħħar nett, f'dak li jirrigwarda t-tul tal-proċeduri, minkejja li dan – meqjus globalment (jiġifieri b'mod li jinkludi l-kawżi maqtugħa permezz ta' digriet) – kien ikkaratterizzat minn titwil temporanju ta' madwar 10 % (li wassal sabiex dan it-tul ikun ta' 26.9 xhur), għandu jiġi enfasizzat li, fir-rigward tal-kawżi maqtugħa b'sentenza, jista' jiġi osservat tnaqqis ta' madwar xahar b'paragun mal-2012, b'tul medju ta' 30.6 xhur.



	2009	2010	2011	2012	2013
Kawżi ġodda	568	636	722	617	790
Kawżi magħluqa	555	527	714	688	702
Kawżi pendenti	1.191	1.300	1.308	1.237	1.325

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

L-istatistika ġudizzjarja tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għall-2013 hija kkaratterizzata minn tnaqqis fin-numru ta' kawżi mressqa (160) meta mqabbel mas-sena ta' qabel (178). Fil-fatt, l-2012 kienet iddistingwiet ruħha bħala s-sena li matulha kien tressaq l-ikbar numru ta' kawżi ġodda sa mill-ħolqien tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. In-numru ta' kawżi mressqa fl-2013 huwa, għall-kuntrarju, paragonabbli ma' dak tas-sena 2011 (159). Xorta waħda jibqa' ħafna oġġla minn dak tas-snin preċedenti (139 fl-2010, 113 fl-2009 u 111 fl-2008).

Fuq kollox għandu jiġi enfasizzat li n-numru ta' kawżi magħluqa (184), min-naħa tiegħu, qiegħed jiżdied meta mqabbel ma' dak tas-sena l-oħra (121).

Dan huwa l-aħjar riżultat kwantitattiv miskub mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sa mill-ħolqien tiegħu. Dan ir-riżultat huwa dovut għar-riflessjonijiet imwettqa matul is-sena dwar il-metodi tax-xogħol tal-qorti.

It-tul medju tal-proċeduri, min-naħa tiegħu, tjejb bi ftit (14.7 xhur fl-2013 kontra 14.8 xhur fl-2012).



	2009	2010	2011	2012	2013
Kawżi ġodda	113	139	159	178	160
Kawżi magħluqa	155	129	166	121	184
Kawżi pendent	175	185	178	235	211

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355